



Brussell, 1-14 ta' Lulju 2020  
REV1 – tissostitwixxi l-avviżi bid-  
data tat-8 ta' Frar 2018  
("Approvazzjonijiet tat-tip (vetturi  
bil-mutur)") u t-28 ta' Marzu 2018  
("Approvazzjonijiet tat-tip (vetturi u  
magni)") u d-dokument tal-  
mistoqsijiet u t-tweġibiet bid-data  
tas-6 ta' Marzu 2019

### **AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI**

## **IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-APPROVAZZJONI TAT- TIP TA' VETTURI, SISTEMI, KOMPONENTI U UNITAJIET TEKNIĊI SEPARATI**

### **Werrej**

<b>INTRODUZZJONI</b> .....	2
<b>A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT- TRANŻIZZJONI</b> .....	3
1. KONSEGWENZI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TA' OPERATURI EKONOMIĊI .....	4
2. KONSEGWENZI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP U L- AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP – ASPETTI ĠENERALI .....	5
3. GĦOTI TA' APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAL-UNJONI LI JISSOSTITWIXXU L-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAR-RENJU UNIT SKONT IR-REGOLAMENT (UE) NRU 2019/26.....	6
3.1. Approvazzjoni tat-tip ġdida tal-Unjoni mogħtija u li tidħol fis-seħħ qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni .....	6
3.2. Approvazzjoni tat-tip ġdida tal-Unjoni mogħtija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jew wara dak il-perjodu .....	7
4. KJARIFIKA DWAR IL-VALIDITÀ (L-INVALIDITÀ) TAL- APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP MAĦRUĠA SKONT ID-DIRETTIVA 97/68/KE .....	8
<b>B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET RILEVANTI DWAR IS-SEPARAZZJONI TAL- FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ</b> .....	8

## INTRODUZZJONI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih<sup>3</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteciġazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,<sup>4</sup> fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C hawn taħt).

### **Avviż lill-partijiet ikkonċernati:**

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-manifatturi ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati huma b'mod partikolari rrakkomandati li:

- jiżguraw li l-approvazzjonijiet tat-tip meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip fl-UE jinħarġu minn awtorità tal-approvazzjoni fl-UE u li l-vetturi jkunu mgħammra b'Ċertifikat ta' Konformità validu;
- jiżguraw konformità mar-rekwiżiti ta' stabbiliment għar-rappreżentanti tal-manifatturi u tal-importaturi, u jadattaw immarkar u tikkettar kif meħtieġ;
- jadattaw kanali ta' distribuzzjoni, biex jitqiesu l-ħtiġiet tal-importazzjoni.

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>3</sup> Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż .

<sup>4</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

## **Innota:**

Dan l-avviż ma jindirizzax

- Ir-regoli tal-UE dwar l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief;
- Ir-regoli tal-UE dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn<sup>5</sup>.

## **A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI**

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati (minn issa 'l quddiem imsejħa kollettivament "**vetturi bil-mutur**"), u b'mod partikolari:

- ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi,<sup>6</sup> li jħassar b'effett mill-1 ta' Settembru 2020 id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi;<sup>7</sup>
- ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija<sup>8</sup>;
- ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli<sup>9</sup>;
- ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq<sup>10</sup>, li jemenda u jħassar id-Direttiva 97/68/KE<sup>11</sup>

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period\\_mt](https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt)

<sup>6</sup> ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

<sup>8</sup> ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1.

<sup>9</sup> ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52.

<sup>10</sup> ĠU L 252, 16.9.2016, p.53.

<sup>11</sup> Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti

(minn issa 'l quddiem imsejħa kollettivament “**leġislazzjoni tal-UE dwar l-approvazzjoni tat-tip**”)

ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit<sup>12</sup>. Dan iwassal, b'mod partikulari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

## 1. KONSEGWENZI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TA' OPERATORI EKONOMIĊI

Il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tipprevedi li “operatur ekonomiku” jfisser il-manifattur, ir-rappreżentant tal-manifattur, l-importatur jew id-distributtur<sup>13</sup>.

Skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, l-**importatur** huwa l-operatur ekonomiku stabbilit fl-UE li jqiegħed fis-suq tal-UE vettura bil-mutur li tkun ġiet manifatturata f'pajjiż terz. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, manifattur jew importatur stabbilit fir-Renju Unit ma jibqax jiġi kkunsidrat bħala operatur ekonomiku stabbilit fl-UE. Konsegwenza ta' dan, operatur ekonomiku stabbilit fl-UE, li qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kien ikkunsidrat bħala distributtur tal-UE ta' vetturi rċevuti mir-Renju Unit, se jsir importatur għall-finijiet tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward ta' tali vetturi bil-mutur wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan l-operatur għandu jikkonforma mal-obbligi aktar stretti applikabbli għal importatur, fir-rigward tal-verifika partikolari tal-konformità tal-prodott u l-indikazzjoni tad-dettalji ta' kuntatt tiegħu fuq il-prodott jew it-tikketta tiegħu<sup>14</sup>.

Il-manifatturi stabbiliti barra mill-UE jridu jaħtru **rappreżentant wieħed** stabbilit fl-UE biex jirrapreżentahom quddiem l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri u għal finijiet tas-sorveljanza tas-suq. Rappreżentant wieħed jista' jinħatar għaż-żewġ skopijiet<sup>15</sup>.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-rappreżentanti tal-manifatturi stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jitqiesu bħala stabbiliti fl-UE u se jtilfu l-istatus tagħhom taħt il-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, indipendentement minn meta l-vetturi bil-mutur jitqiegħdu fis-suq. Għalhekk, jeħtieġ li l-manifatturi jiżguraw li, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-rappreżentanti maħturin tagħhom ikunu stabbiliti fl-UE.

---

ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq, ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1.

<sup>12</sup> Rigward l-applikabbiltà ta' dawn ir-regoli tal-UE għall-Irlanda ta' Fuq ara l-parti C ta' dan l-avviż.

<sup>13</sup> L-Artikolu 3, il-punti 40-44, tar-Regolament (UE) Nru 2018/858; l-Artikolu 3, il-punti 25, 26, minn 41 sa 43 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013; l-Artikolu 3, il-punti minn 47 sa 51 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013; l-Artikolu 3, il-punti minn 49 sa 53 tar-Regolament (UE) Nru 2016/1628.

<sup>14</sup> L-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (UE) 2018/858; l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013; l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013; l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) 2016/1628.

<sup>15</sup> Artikolu 13 (4) tar-Regolament (UE) 2018/858. l-Artikoli 8(4) u 8(5)tar-Regolament (UE) Nru 167/2013; l-Artikoli 9(4) u 9(5)tar-Regolament (UE) Nru 168/2013; l-Artikoli 8(10) u 8(11)tar-Regolament (UE) Nru 2016/1628.

Il-manifattur għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq dwar kwalunkwe bidla li tikkonċerna r-rappreżentant uniku tiegħu. Fejn jeżistu bażijiet ta' *data* speċifiċi, bħal Sistemi tal-Iskambju tal-Approvazzjoni tat-Tip Ewropew (ETAES), l-informazzjoni dwar ir-rappreżentanti uniċi tista' tiġi rreġistrata f'dawk il-bażijiet tad-*data* u kwalunkwe bidla, għalhekk, se tkun traċċabbli hemmhekk.

## 2. **KONSEGWEZZI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP U L-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP – ASPETTI ĠENERALI**

Il-vetturi bil-mutur fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 2018/858, (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 jistgħu biss jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati u jiddaħħlu fis-servizz jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat validu ta' konformità maħruġ mill-manifattur, li jiċċertifika li l-vetturi ġew manifatturati b'konformità mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija minn awtorità ta' Stat Membru<sup>16, 17</sup>.

Magni għal makkinarju mobbli mhux tat-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1628 jew makkinarju mobbli mhux tat-triq fejn jiġu installati tali magni jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk il-magna tkun koperta minn approvazzjoni tat-tip tal-UE valida<sup>18</sup> jew jekk jaqgħu taħt l-eżenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali applikabbli għal magni jew vetturi u makkinarju mobbli mhux tat-triq fejn jiġu installati tali magni<sup>19</sup>.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni tar-Renju Unit mhux se tibqa awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE skont il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni. Għaldaqstant, minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni ma jkunx aktar possibbli għal manifattur li jqiegħed fis-suq tal-UE:

- (i) Vetturi bil-mutur fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 2018/858, (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 li jkollhom ċertifikat ta' konformità li jirreferi għal approvazzjoni tat-tip mogħti mill-awtorità tal-approvazzjoni tar-Renju Unit preċedement kompetenti skont il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni;

---

<sup>16</sup> L-Artikolu 6(4), 36 u 48 tar-Regolament (UE) 2018/858; Ara l-Artikoli 33 u 38 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 u l-Artikoli 6(2), 38 u 43 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013.

Għad-definizzjoni ta' "awtorità tal-approvazzjoni", ara l-Artikolu 3, il-punt 36 tar-Regolament (UE) 2018/858; L-Artikolu 3, il-punt 27 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013. L-Artikolu 3, il-punt 56 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013.

<sup>17</sup> Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni u l-użu ta' vetturi ta' tmiem is-serje: l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2016/1628, l-Artikolu 39(3) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 u l-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013.

<sup>18</sup> L-Artikolu 5 (3) tar-Regolament (UE) 2016/1628. Għad-definizzjoni ta' "awtorità tal-approvazzjoni", ara l-Artikolu 3, il-punt 55, tar-Regolament (UE) 2016/1628.

<sup>19</sup> L-Artikolu 10(7) tad-Direttiva 97/68/KE, l-Artikolu 34(7) u (8) jew l-Artikolu 58(5) sa (11) tar-Regolament (UE) 2016/1628, u f'atti adottati abbażi tal-Artikolu 19(6), l-Artikolu 20(8), l-Artikolu 28(6) u l-Artikolu 53(12) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 li jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' tali magni, vetturi u makkinarju mobbli mhux tat-triq mingħajr ir-rekwiżit ta' approvazzjoni tat-tip valida

- (ii) magni għal makkinarju mobbli mhux tat-triq jew makkinarju mobbli mhux tat-triq fejn jiġu installati tali magni li għalihom l-approvazzjoni tat-tip ingħatat mill-awtorità tal-approvazzjoni tar-Renju Unit preċedement kompetenti skont il-leġislazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni tar-Renju Unit ma tibqax f'pożizzjoni li twettaq kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet u l-attivitajiet ta' monitoraġġ u supervizzjoni ta' awtorità tal-approvazzjoni għall-finijiet tal-leġislazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni (eż. fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni jew tal-konformità waqt is-servizz) f'dak li għandu x'jaqsam mal-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Barra minn hekk, l-awtorità tal-approvazzjoni tar-Renju Unit mhux se tkun tista' tibqa' toħroġ revizzjonijiet jew estensjonijiet għal approvazzjonijiet bħal dawn abbażi tal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/858, l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013, jew l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2016/1628, rispettivament.

### **3. GĦOTI TA' APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAL-UNJONI LI JISSOSTITWIXXU L-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAR-RENJU UNIT SKONT IR-REGOLAMENT (UE) NRU 2019/26**

Fit-8 ta' Jannar 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 2019/26 li jikkomplementa l-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.<sup>20</sup>

L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/26 jistipula li manifattur li jkollu approvazzjoni tat-tip valida tar-Renju Unit jista', sakemm il-leġislazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit u fih, jiġifieri sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jippreżenta applikazzjoni lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tal-istess tip<sup>21</sup>.

#### **3.1. Approvazzjoni tat-tip ġdida tal-Unjoni mogħtija u li tidħol fis-seħħ qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni**

F'dan ix-xenarju, skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2019/26, l-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit titlef il-validità fil-jum ta' qabel il-jum li fih tidħol fis-seħħ l-approvazzjoni tat-tip il-ġdida tal-Unjoni.

L-Artikolu 5(6), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/26 jistipula li vetturi bil-mutur prodotti fuq il-bażi ta' approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit li jtilfu l-validità bħala riżultat tal-ġhoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jistgħu jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati u jibdeu jintużaw fl-Unjoni sakemm il-leġislazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tieqaf tapplika għar-Renju Unit u fih. Meta l-approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit titlef il-validità tagħha qabel dik id-data

<sup>20</sup> ĠU L 8, 10.1.2019, p. 1.

<sup>21</sup> Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/26, "awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni" tfisser awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' Stat Membru għajr ir-Renju Unit, u "approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni" tfisser approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament.

għal raġunijiet oħra, il-vetturi bil-mutur jistgħu jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati u jibdew jintużaw fl-Unjoni sad-data li fiha l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni ma tibqax valida. Għall-vetturi, se jkun meħtieġ li l-manifatturi jindikaw in-numru tal-approvazzjoni tat-tip il-ġdida tal-Unjoni f'suppliment għaċ-Ċertifikat tal-Konformità.

Il-Premessa 17 fil-preambolu għar-Regolament (UE) 2019/26 tiċċara li, *“peress li l-mument i tat-tqegħid fis-suq, tar-reġistrazzjoni, u tad-dħul fis-servizz jistgħu jvarjaw, jenħtieġ li l-mument meta jkun sar l-ewwel wieħed minn dawk il-passi jintuża biex jiġu determinati l-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament.”* Għaldaqstant, vetturi bil-mutur imqiegħda fis-suq qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(6), jistgħu jiġu rreġistrati u jibdew jintużaw anke meta jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni jew wara dik id-data.

### **3.2. Approvazzjoni tat-tip ġdida tal-Unjoni mogħtija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jew wara dak il-perjodu**

Skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (EU) 2019/26, l-approvazzjoni tat-tip qadima tar-Renju Unit tiflew il-validità tagħha mhux aktar tard mill-jum li fih il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tieqaf tapplika għar-Renju Unit u fih, jiġifieri fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Fid-dawl tal-Premessa 17 fil-preambolu tar-Regolament (UE) 2019/26, jekk awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ma tkunx tista' tipproċessa fil-ħin l-applikazzjonijiet kollha ta' manifatturi differenti, jiġifieri qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u, bħala konsegwenza, l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni l-ġdida, li tissostitwixxi l-approvazzjoni tat-tip preċedenti tar-Renju Unit, tinħareġ biss fid-data jew wara d-data li fiha jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika dan li ġej:

- Vetturi bil-mutur prodotti fuq il-bażi ta' approvazzjoni tat-tip tar-Renju Unit li għalihom tkun intalbet approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni għall-istess tip skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/26 u li tqiegħdu fis-suq tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jistgħu jiġu rreġistrati u jibdew jintużaw anki fid-data meta jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni jew wara dik id-data, sakemm tingħata l-approvazzjoni tat-tip il-ġdida tal-Unjoni. Għall-vetturi, il-manifatturi se jkollhom jippreżentaw prova lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun qed jintalab li ssir ir-reġistrazzjoni u li jibdew jintużaw, li turi li junu ppreżentaw applikazzjoni lil awtorità tal-approvazzjoni tal-Unjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni tal-istess tip skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/26<sup>22</sup>.
- Minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-produzzjoni ta' vetturi bil-mutur maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq tal-UE tista' ssir biss fuq il-bażi

---

<sup>22</sup> Alternattivament, il-manifatturi u l-operaturi ekonomiċi oħrajn ikkonċernati jistgħu jiddependu fuq id-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni tal-Ftehim dwar il-Fruġ fuq prodotti mqiegħda fis-suq, ara l-Parti B ta' dan l-Avviż.

ta' approvazzjoni tat-tip mogħtija minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

#### **4. KJARIFIKA DWAR IL-VALIDITÀ (L-INVALIDITÀ) TAL-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP MAĦRUĠA SKONT ID-DIRETTIVA 97/68/KE**

Kemm il-Premessa 20 kif ukoll l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/26 huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li l-approvazzjonijiet tat-tip, li jaqgħu taħt l-eżenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tranżitorji previsti jew fid-Direttiva 97/68/KE jew fir-Regolament (UE) 2016/1628, saru invalidi.

Id-Direttiva 97/68/KE ma fihex Artikolu ekwivalenti għall-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/1628 li jispeċifika meta l-approvazzjonijiet tat-tip isiru invalidi.

Madankollu, l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 97/68/KE kien fih dispożizzjoni ta' tmiem is-serje li kienet tiddependi fuq il-prinċipju li approvazzjoni tat-tip maħruġa għal kategorija ta' magna ta' stadju partikolari tal-emissjonijiet issir invalida mid-data tal-applikazzjoni obbligatorja, għall-finijiet tat-tqegħid fis-suq, tal-istadju sussegwenti tal-emissjonijiet fl-Artikolu 9(4) ta' dik id-Direttiva.

Għalhekk, jitqies li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skont id-Direttiva 97/68/KE jsiru invalidi permezz tal-applikazzjoni obbligatorja ta' rekwiżiti ġodda tal-emissjonijiet għat-tqegħid fis-suq. Dan huwa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/26.

#### **B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET RILEVANTI DWAR IS-SEPARAZZJONI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ**

L-Artikolu 41 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn daww iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu. Fejn previst fid-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-UE, tali oġġett jista' wkoll jitqiegħed fis-servizz fl-UE jew fir-Renju Unit.

Il-kunċett tat-tqegħid fis-suq japplika għal prodotti individwali. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni se tapplika biss għal daww il-prodotti individwali li tqiegħdu fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, iżda mhux għat-tip jew serje ta' prodotti b'mod ġenerali.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-prodott kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>23</sup>. Tali prova tista' tingħata fuq il-bażi ta' dokumenti rilevanti normalment użati fit-tranżazzjonijiet kummerċjali (pereżempju kuntratt tal-bejgħ rigward oġġetti li diġà ġew manifatturati, fattura, dokumenti li jirrigwardaw it-trasport ta' oġġetti għad-distribuzzjoni jew dokumenti kummerċjali simili). Ma hemmx bżonn li jinħoloq tip ġdid ta' dokument għal dan il-għan. Fil-prattika,

---

<sup>23</sup> L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.



hemm bżonn li tingħata prova bħal din f'każ ta' kontrolli mal-importazzjoni fl-UE jew fir-Renju Unit jew fil-każ ta' kontrolli mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. L-evidenza dokumentata pprovduta trid tippermetti li jiġi verifikat li din tikkorrispondi mal-oġġetti individwali u mal-kwantità ppreżentata lid-dwana jew ivverifikata mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, pereżempju, bir-referenza għall-element(i) ta' identifikazzjoni speċifiku/speċifiċi tal-oġġetti.

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas.<sup>24</sup> "Provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu" tfisser li oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta' ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ, jew aktar, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għat-trasferiment ta' sjiċda, ta' kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà, jew ta' pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta' offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta' tali ftehim".<sup>25</sup> "Tqegħid fis-servizz" tfisser "l-ewwel użu ta' oġġett fl-Unjoni jew fir-Renju Unit mill-utent finali għall-finijiet li għalihom kien maħsub[...]."<sup>26</sup>

Dan ifisser li vettura bil-mutur imqiegħda fis-suq tar-Renju Unit skont din id-definizzjoni qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fuq il-bażi ta' approvazzjoni tat-tip mogħtija mir-Renju Unit xorta tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni (pereżempju tista' tkompli tiġi pprovduta għad-distribuzzjoni jew l-użu), tiġi rreġistrata u tibda tintuża fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u viċe versa, mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni tat-tip għada, tikkettar mill-ġdid/immarkar mill-ġdid jew modifiki tal-prodott, sakemm din tasal għand l-utent finali.

Is-sitwazzjonijiet li jitqiesu bħala tqegħid fis-suq jinkludu, pereżempju:

- kuntratt ta' bejgħ mill-manifattur lill-importatur, lid-distributur (anke fi ħdan il-grupp, sakemm tkun tista' tiġi identifikata tranżazzjoni ġenwina) jew lill-klijent finali, fejn il-manifattura ta' dak il-prodott tkun tlestiet;
- bejgħ online: ikun biss meta l-klijent jirċievi konferma tal-ordni tiegħu li tidentifika l-oġġett speċifiku diġà manifatturat u suġġett tat-tranżazzjoni, lest biex jintbagħat lill-klijent.

Għall-kuntrarju ta' dan, is-sitwazzjonijiet li ġejjin ma jitqisux bħala tqegħid fis-suq:

- oġġetti ordnati minn qabel, li għadhom mhux manifatturati
- kuntratt għall-provvista ta' oġġetti funġibbli (eż. x unitajiet ta' prodott y, mhux identifikabbli individwalment)
- oġġetti manifatturati u miżmuma fl-istokk tal-manifattur, iżda li għadhom ma ġewx fornuti għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu.

---

<sup>24</sup> L-Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>25</sup> L-Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>26</sup> L-Artikolu 40(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

- offerta ġenerika ta' prodott online (biss wara tkun tqiegħdet u ġiet ikkonfermata ordni minn klijent, l-oġġett speċifiku li jkun is-suġġett tat-tranżazzjoni u jkun lest biex jintbagħat jittqies li jkun tqiegħed fis-suq).

**EŻEMPJU 1: Vetturi bil-mutur li jinsabu fiżikament fil-katina tad-distribuzzjoni jew fl-użu fl-UE jew fis-suq tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni:**

- *Karozza jew mutur koperti b'ċertifikat ta' konformità li jirreferi għal approvazzjoni tat-tip mogħtija mir-Renju Unit li jinżamm fl-UE minn bejjiegħ bl-ingrossa bil-ħsieb li jkompli jiġi distribwit*

Il-vettura jew il-mutur tqiegħdu fis-suq tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u jistgħu jsiru disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkolaw bejn dawn iż-żewġ swieq sakemm jaslu għand l-utent finali, jiġu rreġistrati u jibdew jintużaw fl-UE jew fir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, mingħajr il-bżonn ta' approvazzjoni tat-tip ġdida, tikkettar mill-ġdid/immarkar mill-ġdid jew modifiki tal-prodott. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jinħatar rappreżentant tal-manifattur ġdid stabbilit fl-UE fejn dak attwali jkun ibbażat fir-Renju Unit kif stabbilit skont it-Taqsima A.1 hawn taħt.

- *Trakk mhux lest manifatturat fl-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, fuq il-bażi ta' approvazzjoni tat-tip mogħtija mir-Renju Unit, soġġett għal produzzjoni f'diversi stadji, mgħammar b'ċertifikat ta' konformità validu, jinbiegħ lill-manifattur tal-vettura għal assemblaġġ jew ikkompletar ulterjuri fl-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.*

L-istess bħal hawn fuq. Dan l-eżempju jikkonċerna vettura ta' diversi stadji fejn l-ewwel stadju jinkludi l-kabina u x-xażi (jiġifieri vettura mhux kompluta). Fil-każ ta' trakk, il-manifattur tal-vettura jista' jkollu approvazzjoni tat-tip tal-ewwel stadju għall-kabina u x-xażi, u ħaddiem tal-bodi tal-vetturi (jiġifieri parti terza) jkollu l-approvazzjoni għat-tieni stadju u għall-istadju finali. Il-vettura mhux kompluta tqiegħdet fis-suq tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

**EŻEMPJU 2: Vetturi bil-mutur manifatturati fuq il-bażi ta' approvazzjoni tat-tip mogħtija mir-Renju Unit fl-UE, fir-Renju Unit jew fi kwalunkwe pajjiż terz ieħor, mibjugħa lil klijent tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, wara li l-istadju tal-manifattura jkun tlesta, iżda li ma jkunux għadhom ġew konsenjati fiżikament lill-klijent tal-UE f'dik id-data:**

- *Makkinarju mobbli mhux tat-triq manifatturat fl-Istati Uniti fuq il-bażi ta' approvazzjoni tat-tip mogħtija mir-Renju Unit jinbiegħ lil importatur Belġjan jew manifattur ta' tagħmir oriġinali ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq fil-15 ta' Diċembru 2020 iżda se jasal fid-dwana Belġjana fil-15 ta' Jannar 2021.*

L-istess bħall-oġġetti msemmija fl-Eżempju 1. Id-data tat-tqiegħid fis-suq tal-UE hija d-data tat-tranżazzjoni (l-ewwel forniment) bejn il-manifattur tal-Istati Uniti u l-importatur tal-UE jew il-manifattur tat-tagħmir oriġinali wara li jkun tlesta l-istadju tal-manifattura. It-tqiegħid fis-suq ma jirrikjedix il-konsenja fiżika tal-prodott.

**EŻEMPJU 3: Il-vetturi bil-mutur manifatturati f'pajjiż terz fuq il-bażi tal-approvazzjoni tat-tip mogħtija mir-Renju Unit, li jkunu nbiegħu lil importatur tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni iżda li ma jkunux għadhom ġew konsenjati fiżikament lill-klijent tal-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.**

- *Karozza jew mutur manifatturati fil-Ġappun ibbażati fuq approvazzjoni tat-tip mogħtija mir-Renju Unit u akkumpanjati minn ċertifikat ta' konformità validu jinbiegħu lil importatur tar-Renju Unit fl-15 ta' Diċembru 2020 u jaslu fid-dwana tar-Renju Unit fl-15 ta' Jannar 2021. L-importatur tar-Renju Unit imbagħad ibigħha lil*

***kljient Nederlantiż fit-30 ta' Jannar 2021 u l-karozza jew il-mutur jaslu fid-dwana Netherlantiża fil-15 ta' Frar 2021.***

L-istess bħall-oġġetti msemmija fl-Eżempju 1. Id-data tat-tqegħid fis-suq tar-Renju Unit tikkorrispondi għad-data tat-tranżazzjoni (l-ewwel forniment) bejn il-manifattur Ġappuniż u l-importatur tar-Renju Unit. It-tqegħid fis-suq ma jirrikjedix il-konsenja fiżika tal-prodott.

**C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.<sup>27</sup> Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.<sup>28</sup>

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru.<sup>29</sup>

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprovdi li r-Regolament japplika għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.<sup>30</sup>

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-Avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- il-vetturi bil-mutur li jitqiegħdu fis-suq tal-Irlanda ta' Fuq għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE;
- il-vetturi bil-mutur manifatturati fl-Irlanda ta' Fuq u mibgħuta lejn l-UE mhumiex oġġetti importati;
- il-vetturi bil-mutur mibgħuta mir-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' Fuq huma prodotti importati;
- l-importatur u r-rappreżentant tal-manifattur jistgħu jkunu stabbiliti fl-Irlanda ta' fuq;

<sup>27</sup> L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>28</sup> L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

<sup>29</sup> L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll tal-IE/NL.

<sup>30</sup> L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-taqsimiet 9 u 14 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

- jekk id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni jeħtieġu kodiċi uniku li jindika Stat Membru, dan għandu jkun indikat bħala “UK(NI)”<sup>31</sup>;
- l-approvazzjonijiet tat-tip kif ukoll revizzjonijiet jew estensjonijiet għal approvazzjonijiet bħal dawn mogħtija minn awtorità tal-approvazzjoni tal-UE huma validi fl-Irlanda ta’ Fuq, jiġifieri vetturi bil-mutur jistgħu jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati u jibdew jintużaw fl-Irlanda ta’ Fuq fuq il-bażi ta’ approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/Irlanda ta’ Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq li

- jipparteċipa fit-teħid ta’ deċizzjonijiet u fit-tfassil ta’ deċizzjonijiet tal-Unjoni<sup>32</sup>;
- jibda proċeduri ta’ oġġezzjonijiet, ta’ salvagwardja jew ta’ arbitraġġ sa fejn dawn jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE;<sup>33</sup>
- jinvoqa l-prinċipju tal-pajjiż ta’ oriġini jew ir-rikonoxximent reċiproku għal prodotti mqiegħda legalment fis-suq fl-Irlanda ta’ Fuq, jew għal valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet maħruġa jew attivitajiet oħra mwettqa minn awtoritajiet jew korpi stabbiliti fir-Renju Unit<sup>34</sup>.

B’mod aktar speċifiku, dan l-aħħar punt ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- L-approvazzjonijiet tat-tip kif ukoll revizzjonijiet jew estensjonijiet għal approvazzjonijiet bħal dawn mogħtija mill-awtorità tal-approvazzjoni tar-Renju Unit abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-leġislażzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip magħmula applikabbli mill-Protokoll tal-IE/NI huma validi biss fl-Irlanda ta’ Fuq. B’kuntrast ma’ dan, dawn l-approvazzjonijiet tat-tip, revizzjonijiet jew estensjonijiet mhumiex validi fl-UE<sup>35</sup>.
- Meta l-vetturi bil-mutur ikollhom approvazzjoni tat-tip mill-awtorità tal-approvazzjoni tar-Renju Unit, l-indikazzjoni “UK(NI)” trid titwaħħal ħdejn kull marka ta’ konformità, logo jew kwalunkwe marka simili meħtieġa mid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-leġislażzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni<sup>36</sup>. Din il-marka distinta tippermetti l-identifikazzjoni ta’ vetturi bil-mutur

<sup>31</sup> L-Artikolu 7(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta’ Fuq Limitazzjonijiet tekniċi, normalment marbuta mal-bażijiet ta’ *data*, jistgħu jeħtieġu li l-kodiċi tal-pajjiż ikun limitat għal żewġ ċifri. F’dan il-każ, għandha tintuża kumbinazzjoni ta’ karattri mhux attribwita.

<sup>32</sup> Fejn ikun hemm bżonn ta’ skambju ta’ informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta’ ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/Irlanda ta’ Fuq.

<sup>33</sup> Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta’ Fuq.

<sup>34</sup> L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta’ Fuq.

<sup>35</sup> It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta’ Fuq.

<sup>36</sup> It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta’ Fuq.

li jistgħu jitqiegħdu legalment fis-suq, jiġu rreġistrati u jiddaħħlu fis-servizz fl-Irlanda ta' Fuq, iżda mhux fl-UE.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar l-industrija awtomobilistika ([https://ec.europa.eu/growth/sectors/automotive\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/sectors/automotive_mt)) jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni. Dawk il-paġni se jiġu aġġornati b'iktar informazzjoni, fejn ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs